# BANDA SAN PAWL

**62, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 09**
**Tel: 571288**

Kienet bil-ħidma ta' Patri Ġann Franġisk Grima li twaqqfet il-Banda San Pawl, meta fil-21 ta' Marzu, 1947. Il-Banda San Pawl ġiet reġistrata uffiċjalment għand il-Kummissarju tal-Puluzija kif titlob il-liġi.

L-ewwel programm li sar mill-Banda San Pawl kien nhar il-festa tad-Duluri f'Lulju, 1948 fejn ħadu sehem mas-sebgħin bandist, kważi kollha tal-post. Minn dak in-nhar, il-Banda daqqet f'diversi okkażjonijiet u postijiet differenti. Il-Banda San Pawl ħadet dejjem sehem fil-festa tal-lokal, fil-festi ta' diversi lokalitajiet u oħra u fil-festi tal-milied. Sehem il-Banda kien ukoll f'purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, Karnival, fil-festi ta' l-Indipendenza u tar-Repubblika, kif ukoll fil-festi tal-Millenju u attivitajiet oħra tal-Kunsill Lokali, Governattivi, Kulturali u Sportivi.

Is-Surmast Direttur tal-Banda San Pawl huwa Mro. Charles Cachia li ilu f'din il-kariga mill-1981. Qablu mexxew din il-Banda Mro. Emanuel Gauci, Mro. Salvino Vella u Mro. Amante Attard.

Bħala President, il-Banda San Pawl hija taħt it-tmexxija tas-Sur Paul Bugeja li ilu f'din il-kariga mill-1994. Taħt il-presidenza tiegħu, il-Banda San Pawl għaddiet minn bidliet kbar. Is-Sur Paul Bugeja huwa wkoll is-Sindku ta' San Pawl il-Baħar.

Is-Segretarju tal-Banda San Pawl huwa s-sur Raymond Tabone li ilu f'din il-kariga mill-1997. Huwa wkoll l-editur tal-ktieb tal-festa li jiġi ppubblikat kull sena kif ukoll Kunsillier tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar.

Fl-1998 beda jitwaqqa' l-bini tal-Każin u nbena wieħed ġdid li tlesta fis-sena 2001. Il-bini l-ġdid sar fuq pjanta tal-perita Carm Lino Spiteri li huwa wkoll il-President Onorarju tal-Banda San Pawl.

Fis-26 ta' Lulju, 2000, il-President Paul Bugeja kixef irħama kommemorattiva li tfakkar it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla. Fit-13 ta' Diċembru ġiet inawgurata s-sala tal-bottegin u jumejn wara ġiet inawgurata s-sala tal-logħob tas-snooker full size.

Fil-25 ta' Lulju, 2001 saru festi kbar meta l-E.T. il-Kavallier Adrian Busietta GCSJ (H), flimkien mal-President Paul Bugeja u l-Kumitat, inawguraw uffiċjalment il-bini tal-Każin il-ġdid tal-Banda San Pawl waqt Programm Mużikali li sar taħt id-direzzjoni tas-Surmast Mro. Charles Cachia.



**Il-Banda San Pawl fil-festa tal-lokal**



**Waqt il-Laqgħa Ġenerali**



Mro. Charles Cachia
Surmast Direttur



Paul Bugeja l-President
li huwa wkoll is-Sindku
ta' San Pawl il-Baħar



Raymond Tabone
Segretarju u Kunsillier



IL-KUMITAT BANDA SAN PAWL

**Quddiem mix-xellug:**
Frans Vella (Kap Xogħlijiet), Frank Zarb (Kaxxier), Paul Bugeja (President), Michael Cassar (Viċi-President), Raymond Tabone (Segretarju) u John Mary Muscat (Direttur).

**Wara mix-xellug:**
Nello Micallef (Ass. Direttur), Charles Cardona (Membru), Joseph G. Tonna (Ass. Kaxxier), Alfred Agius (Membru), John Falzon (Ass. Segretarju), Victor Camilleri (Delegat Banda), Michael Gauci (Membru), u Keith Muscat (Arkivista).

## ĦIDMA

Huma bosta dawk l-attivitajiet li jsiru fil-Każin tal-Banda San Pawl. Dawn jinkludu kemm dawk mużikali kif ukoll dawk l-attivitajiet soċjali u filantropiċi.

Isir tagħlim tal-mużika bla ħlas matul il-ġimgħa fl-iskola tal-mużika taħt id-direzzjonitas-Surmast Direttur Mro. Charles Cachia bl-għajnuna ta' l-Arkivista Keith Muscat u d-Delegat tal-Banda Victor Camilleri. Inizjattiva ġdida hija li jsiru kunċerti bil-bandisti tal-post u oħrajn, matul is-sena kollha.

Matul is-sena jsiru diversi ikliet, bazaars u attivitajiet oħra biex jinġabru fondi għall-Banda San Pawl u biex il-Banda tieħu sehem b'mod attiv fil-festa tal-lokal speċjalment fejn jidħlu l-marċi u l-ħruq tan-nar. Isir investiment f'dak li huwa xiri ta' strumenti. Dan huwa possibbli bl-għajnuna tal-benefatturi u l-ħidma tal-membri.

F'dawn l-aħħar snin b'għan filantropiku, jiġu organizzati festini għat-tfal ta' l-Istituti bis-sehem ta' membri tal-Kumitat u membri tal-Każin



Skola tal-Mużika




L-E.T. Kavallier Adrian Busietta u l-President Paul Bugeja waqt l-Inawgurazzjoni tal-Każin il-ġdid